# NOMINA TAL-PROF. JOHN P. PORTELLI GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-EDUKAZZJONI AVVANZATA U GĦOLJA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Tista' telabora ftit fuq il-karriera distinta tiegħek fis-settur matul is-snin? Kif taħseb li l-esperjenza tiegħek, b'mod partikolari dik fuq livell internazzjonali, se tgħin sabiex titjieb it-tmexxija u l-governanza tal-MFHEA?

Grazzi tal-opportunità biex nidher quddiem dan il-kumitat.

Sena ilu jiena rtirajt mill-pożiżżjoni ta' full professor (mill-1994) wara karriera ta' tagħlim, riċerka u amministrazzjoni għal 39 sena fi tliet universitajiet Kanadiżi. B'kollox ippublikajt 23 ktieb, u 'l fuq minn mitt artiklu. B'kollox irċevejt 1.2 miljun dollari għar-riċerka mill-gvern Kanadiż u Fundazzjonijiet ta' Riċerka oħra. Barra minn hekk għandi esperjenza internazzjonali fil-professional development u quality assurance f'diversi pajjiżi fejn ħdimt bħala konsulent (l-Irlanda, is-Slovenia, il-Marokk, Bahrain, Saudi Arabia, il-Kanada etc). Jiena kont membru tal-ewwwel Bord tal-NCHE (2007) u wara wkoll tal-NCFHE, u wkoll l-ewwel Chairperson tal-QAC, u sal-lum għadni membru tal-QAC. Jiena ħdimt bħala konsulent taħt gvernijiet differenti għal erbatax-il sena. Dawn l-esperjenza lokali u internazzjonali varjati naħseb se jgħinuni fit-tmexxija tal-MFHEA.

2. Kif tara li evolviet l-Awtorità matul is-snin li għaddew? X'taħseb li huma l-isfidi li taħseb li għandha l-Awtorità għas-snin li ġejjin?

Matul is-snin l-Awtorità tjibet u irrafinat lilha nnifisha biż-żieda ta' nies kapaċi, bl-iżvilupp ta' policies u proċeduri relevanti, u anke bi proġetti li għenu lill-providers tal-edukazzjoni għolja f'Malta. Dan sar ukoll bl-għajnuna ta' żidiet fil-budget tal- l-Awtorità.

Bħal kull organiżazzjoni serja, l-Awtorità trid tkompli tevaluwa x-xogħol tagħha biex fejn jeħtieġ tibdil isir kif inhu xieraq. Waħda mill-isfidi hija li l-Awtorità ssir membru sħiħ tal-European Association for Quality in Higher Education (ENQA) – proċess li miexi 'l quddiem. Sfida oħra hija li tkompli tfiehem u tikkonvinċi lill-providers li l-proċess ta' quality assurance huwa ħaġa normali fil-ħajja ta' organizzazzjoni u mhux proċess ta' pulizija imma ta' għajnuna biex huma stess jimxu ' l quddiem.

3. Kemm huwa importanti li f’pajjiż żgħir bħal Malta ma jkollniex duplikazzjoni ta’ servizzi offruti fl-istituzzjonijiet edukattivi għolja ta’ pajjiżna?

Il-bilanċ dejjem huwa importanti aktar u aktar f’pajjiżżgħir. Li jkollna duplikazzjoni mhux bil-fors hi xi ħaġa negattiva; jiddependi minn kemm dak li jiġi offrut jieħu perspettiva differenti. Importanti li l-istudenti jkollhom minn fejn jagħżlu; imma fl-istess ħin importanti wkoll li jkun hemm bilanċ.

4. Tara oqsma fl-edukazzjoni avvanzata li jistgħu jkunu ta’ benefiċċju ambjentali, ekonomiku u soċjali għal pajjiżna? X’taħseb li jista’ jsir iktar biex inkomplu niżviluppaw dawn in-niċeċ?

Hemm diversi oqsma li jistgħu jkunu ta’ benefiċċju ambjentali, ekonomiku u soċjali, u dawn l-oqsma jeżistu kemm fl-oqsma tax-xjenza u dawk tal-arti.

Importanti ħafna li dawn l-oqsma ma jaħmux għal rashom imma b’perspettiva inter-dixxiplinari. Tajjeb ukoll li jiffukaw fuq ċertu oqsma u neċċellaw fihom minklok nippruvaw inbillu jdejna f’kollox. Tajjeb ukoll li dawk li jirriċerkaw f’dawn l-oqsma jknunu miftuħa biex jaħdmu direttament fil-/mal-kommunità u wkoll ma’ Education Malta.

5. Tara li hemm xi materja jew għandek xi kunflitt ta’ interess li jista’ jtellfek mill-imparzjalità tiegħek fit-tmexxija tal-Board?

Le.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. L-edukazzjoni dipendenti mis-soċjetà? Kemm? Kif?

Bejn l-edukazzjoni u s-soċjeta hemm relazzjoni simbaiotika; jiġifieri waħda tiddependi mill-oħra u viċi versa. L-edukazzjoni teżisti biss f’kuntest, u s-soċjethija parti minn dan il-kuntest. Dejjem hemm din id-dinamika bejn it-tnejn. Mhux dejjem dinamika faċli; imma dinamika importanti.

2. Qegħdin ngħallmu suġġetti? Inħarrġu ħaddiema? Meta ħa ntellgħu ħassieba?

Dażgur li qed ngħallmu suġġetti.

Iva, qed inħarrġu ħaddiema.

Huwa importanti f'demokrazija li ċ-ċittadini jkunu ħassieba; imma importanti ħafna li ngħidu x'tip ta' ħassieba. Importanti li jkunu ħassieba b'moħħ miftuħ li jilqgħu l-inklużjoni li titlob d-demokrazija. Ilna ħafna f'Malta nippruvaw nilħqu dan l-għan. Imma din hi dejjem 'ġlieda' kontinwa. Mhux f'Malta biss imma kullimkien.

3. L-edukazzjoni l-ewwel prijorità? Taqbel mat-tnaqqis tal-budget għall-Università?

Hemm diversi prijoritajiet. Għalija s-saħħa (fiżika, mentali u spiritwali) u l-edukazzjoni (ħolistika) huma ewlenin.

F'dinja ideali ma jkunx hemm tnaqqis ta' budgets. Imma meta jkun hemm restrizzjonijiet ekonomiċi (ta' forom differenti), ikollu jkun hemm tnaqqis, anke jekk kontra r-rieda tagħna.

Jiena, bħala persuna li kienet professur fil-Kanada, esperjenzajt diversi tnaqqis ta' budgets fl-universitajiet fejn għallimt meta kien hemm tnaqqis ekonomiku. Għal 3 snin fid-disgħinijiet il-paga tnaqqsitli biex insalvaw ix-xogħlijiet.

4. It-tagħlim għandu jirrifletti s-soċjetà? Reliġjon? Kultura? Lingwa? Jew għandna nibqgħu nħaddnu min aħna u dak li jsawwarna?

It-tagħlim minn natura tiegħu qatt mhu stabbli, u hekk ukoll is-soċjetà (li tinkludi aspetti ta' reliġjon, kultura, lingwa etc). Bejn it-tnejn hemm relazzjoni simbajotika; it-tnejn jibnu fuq xulxin. Irid ikun hemm bilanċ bejn il-qadim u l-ġdid, bejn dak li aħna u dak li nistgħu nkunu – mingħajr ma nitilfu l-prinċipji li nħaddnu bħala parti mill-Ewropa.

5. Liema għandu jkun il-proġett fl-edukazzjoni li jiddefinixxi s-seklu 21?

Ir-rikostruzzjoni mill-għeruq/mill-qigħ ta' x'nifhmu b'edukazzjoni li għandha sinifikat profond u mhux dak superfiċjali kif insibuh issa biss fl-eżamijiet. Jeħtieġ li nieħdu pass kuraġġuż ' il quddiem għall-ġid ta' kulħadd lil hinn minn perspettivi politiċi, reliġjużi etc. L-edukazzjoni mingħajr sinifikat għall-istudenti ma tiswa xejn. Jiena meta kelli ħmistax-il sena ma komplejtx l-iskola għax weħilt mill-eżamijiet u qaluli li jiena tajjeb għall-ħruq. Dan kien fl-1969. B'xorti ħażina l-mentalità nazzjonali għadha mwaħħla fil-mentalità tad-defiżjenza u dik kolonjali. Hemm bżonn li mmorru lil hinn mill-edukazzjoni identifikata biss bl-eżamijiet. L-edukazzjoni u l-ħajja jridu jintgħaġnu flimkien.

6. Taqbel kif qegħda tintuża l-inklużjoni fl-iskejjel tagħna? X'taħseb li għad fadal xi jsir fejn tidħol inklużjoni?

In ġenerali, iva. Meta nitkellmu fuq ideali bħall-inklużjoni dejjem jibqa’ xi jsir; għax l-inklużjoni hija parti integrali mid-demokrazija – u d-demokrazija dejjem trid tiġġedded ma’ kull ġenerazzjoni. Importanti ħafna li l-inklużjoni tittieħed bis-serjetà fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, u li jsir tħarriġ serju lill-għalliema u anke lis-soċjetà inġenerali.

7. Kif qegħdin inrawmu l-ġenerazzjonijiet ta' għada biex jibqgħu jistudjaw anke meta jidħlu għat-terza età?

Ma nafx ridtux tgħidu ‘adulti’ jew ‘terza età’. Hu xinhu, naħseb li fil-qasam tal-lifelong learning saru passi kbar fl-aħħar 20 sena. Hemm strateġija serja ħafna tal-life long learning mid-direttorat tal-lifelong learning. Sintendi hemm dejjem aktar x’jista’ jsir. Imma għamilna progress anke f’dak li għandu x’jaqsam mal-edukazzjoni u l-kommunità. U wkoll sar tibdil fit-tagħlim permezz ta’ korsijiet on line u hybrid, u żdiedet l-importanza li l-assessjar ma jkunx biss ibbażat fuq l-eżamijiet, b’enfasi fuq assessjar kontinwu.

8. X'inhi l-viżjoni tiegħek fejn jidħol il-kunċett ta' lifelong learning? U xi proġetti għandna naraw taħt it-tmexxija tiegħek?

Il-viżjoni tiegħi hija dik li hemm fl-istrateġija tal-lifelong learning. Jiġifieri li l-life long learning hija kruċjali, trid tkun diversifikata, u tmur lil hinn miċ-ċertifikati.

Taħt it-tmexxija tiegħi l-MFHEA (a) tikkoopera ma’ kull organizazzjoni edukattiva biex tgħinhom iżommu l-livell għoli kemm jista’ jkun biex dejjem inrawwmu l-lifelong learning bid-diversitaijiet tagħha kollha; (b) iżżid il-kuntatt ma' awtoritajiet oħra bhal MFHEA barra minn xtutna biex ikun hemm sharing of good practices; (c) tkompli ssaħħaħ il-kuntatt kontinwu u diskussjoni mal-providers. Meta kont chairperson tal-QAC ħdimt biex titqajjem kuxjenza akbar lejn il-kunċett ta’ work based learning. Importanti ħafna li dan il-kunċett jinftiehem sewwa u jiġi attwat.

L-edukazzjoni u l-ħajja jmorru id f’id; allura l-edukazzjoni ma tispiċċa qatt sakemm għad hemm il-ħajja.